**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 9 ta' Mejju, 2019**

Numru 6

**Rikors Guramentat Nru. 1044/2017**

**Red Deck Entertainment Limited**

**vs**

**Emex Technologies Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-14 ta' Novembru, 2017 li jghid hekk:

Dikjarazzjoni tal-oggett tal-kawza
1. Illi s-socjeta rikorrenti hija socjeta' registrata gewwa Cipru li toffri varjeta ta' servizzi konnessi mal-internet;

2. Illi s-socjeta intimata hija registrata fir-Renju Unit u tramite l-ufficcji taghha f'Malta toffri servizzi ta 'online payment portal', liema servizzi jinvolvu li s-socjeta intimata taccetta d-depozitu ta' flus ta' klijenti go kont mizmum f'isimhom, u il-hlas ta' flus mill--istess kont lill terzi persuni fuq l-istruzzjoni tal-klijenti taghha;

3. Illi l-erbatax (14) ta' Frar tas-sengha elfejn u zbatax (2017) is-socjeta rikorrenti u s-socjeta intimata ghamlu ftehim bejniethom biex is-socjeta rikorrenti tibda taghmel uzu tas-servizzi provduti mis-socjeta intimata (ftehim anness u mmarkat bhala Dok. AM2). Dan il-ftehim huwa regolata bil-ligi Maltija u suggett ghal-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta;

4. Illi, ftit wara li sar il-ftehim, is-socjeta rikorrenti indunat li s-socjeta intimata ma kinitx qieghda tosserva l-obbligazzjonijiet taghha kif stipulati fil-ftehim;

5. Illi specifikament, is-socjeta intimata naqqset milli tezegwixxi istruzzjonijiet moghtija lilha mis-socjeta rikorrenti, u meta inghatat istruzzjonijiet sabiex tezegwixxi certi pagamenti lil terzi persuni naqqset milli taghmel dan, u infatti baqghet sallum ma ghamlithomx (Dok. AM4);

6. Illi, addizzjonalment, is-sistema online tas-socjeta intimata tindika li dawn il-pagamenti saru u huma ghalhekk nieqsa mill-bilanc mizmum mis-socjeta intimata f'isem is-socjeta rikorrenti, minkejja illi s-socjeta rikorrenti taf illi bhala fatt dawn il-pagamenti ma sarux, kif ser jigi ppruvata waqt is-smigh tal-kawza;

7. Illi bhala konsegwenza tal-agir tas-socjeta intimata, is-socjeta rikorrenti qieghda ssofri danni gravi il-ghaliex bosta mill-pagamenti li kellhom isiru u ma sarux huma lill-nies li jipprovdu servizz lis-socjeta rikorrenti, u peress li ma thallsux issospendew is-servizzi taghhom;

8. Illi, l-ammont ta' flus li suppost gie mhallas jammonta ghal-tliet mija sebgha u tletin elf, tliet mija disgha u tmenin ewro u sitta u tletin centezmu (€337,389.36);

9. Illi, minkejja li saru diversi komunikazzjonijiet da parti tas-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata, fejn s-socjeta rikorrenti talbet illi is-socjeta intimata teffetwa il-pagementi kif istruwit jew tirrifondi l-ammonti in kwistjoni, is-socjeta intimata baqghet inadempjenti;

10. Illi ghaldaqstant is-socjeta rikorrrenti kellha tibghat ittra finali fejn avzat lis-socjeta intimata li kienet qieghdha tittermina l-kuntratt u talbet lill-intimata sabiex tirrifondi il-bilanc fuq imsemmi (AM 3);

11. Illi minkejja dan, is-socjeta intimata baqghet ma ghamlet xejn;

Raguni ghat-talba
1. Illi kif premess wara li s-socjeta intimata giet interpellata diversi drabi sabiex tirregola ruhha u tikkonforma mal-obbligi taghha naxxenti mill kuntratt de quo, cioe li jsir il-pagament istruwit jew inkella jigi rifuz l-ammont ta' tliet mija sebgha u tletin elf, tliet mija, disgha u tmenin ewro u sitta u tletin centezmu (€337,389.36) fil-kont tas-socjeta rikorrenti. Minkejja dan, is-socjeta intimata baqghet inadempjenti. Ghaldaqstant dejjem sabiex is-socjeta rikorrenti tottjeni pagament ta' dan l-ammont kienet kostretta tistitwixxi din il-procedura.

Talbiet
Illi ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi s-socjeta rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi li s-socjeta intimata agixxiet bi ksur tal-obbligi taghha fil-konfront tas-socjeta rikorrenti, naxxenti mill-kuntratt datat erbatax (14) ta Frar tas-sengha elfejn u sbatax (2017), u mill-ligi, u li konsegwentement il-kuntratt bejn is-socjeta intimata u dik rikorrenti huwa xolt u terminat;

2. Tiddikjara illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' tliet mija sebgha u tletin elf, tliet mija, disgha u tmenin ewro u sitta u tletin centezmu (€337,389.36), jew somma ohra verjuri;

3. Tikkundanna lis-socejta konvenuta thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tliet mija sebgha u tletin elf, tliet mija, disgha u tmenin ewro u sitta u tletin centezmu (€337,389.36) jew somma ohra verjuri, flimkien mal-interessi kummercjali;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez inkluzi l-ispejjez tad-diversi mandati li saru in konnessjoni ma' din il-kawza u dan kif ser jigi ippruvat waqt is-smigh tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn is-socjeta attrici qed tallega li s-socjeta konvenuta li maghha kellha ftehim kummercjali naqset mill-obbligi taghha senjatament li l-hlasijiet maghmula mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta biex dawn jigu trasferiti lil terzi fil-fatt ma gewx mhallsa lit-terzi b'dannu ghas-socjeta attrici li baqghet obbligata ghal hlas verso t-terzi. Bejn il-partijiet kien hemm 'user agreement' fejn is-socjeta attrici inqdiet mis-servizzi tas-socjeta konvenuta ghal 'online payment portal'. Dan il-ftehim gie iffirmat fl-14 ta' Frar 2017. Il-ftehim fih innifsu ma fihx hafna rilevanza billi z-zewg partijiet isostnu li l-kuntratt gie xolt. Is-socjeta attrici esebiet ittra tal-20 ta' Ottubru 2017 biex turi li sehh ix-xoljiment skont klawsola 10.1 tal-ftehim (fol. 21 tal-process) mentri s-socjeta konvenuta issostni li xoljiet il-ftehim qabel cioe fl-4 ta' Settembru 2011 a bazi tal-klawsola 6.2 u 10.2 tal-ftehim (fol. 79 tal-process).

Il-kwistjoni pertinenti bejn  il-kontendenti hi li s-socjeta attrici qed tallega li tlett hlasijiet cioe dawk bin-numru 1517 fl-ammont ta' €89,850 datat 7 ta' Lulju 2017, dak numru 1491 fl-ammont ta' €95,695 datat 21 ta' Gunju 2017 u dak bin-numru 1443 fl-ammont ta' €125,950 datat 7 ta' Gunju 2017 trasmessi lis-socjeta konvenuta biex jigu mghoddija lil terzi baqghu ma gewx ricevuti mit-terzi izda baqghu ghand is-socjeta konvenuta (ara fol. 22 tal-process). L-ammont global mitlub hu ta'

€337,389.36 ghalkemm jekk wiehed ighodd l-ammonti a fol. 22 tal-process l-ammont global hu ta' €311,195.

Is-socjeta konvenuta ma resqet ebda provi hlief id-dikjarazzjoni guramentata fejn ammettiet li hi kellha f'idejha f'isem is-socjeta attrici s-somma bilancjali ta' €207,209.61 u ipprezentat statement taghha (fol. 33 sa 78 tal-process) biex juri dan. Tajjeb li jinghad li f'dawn l-istatements l-ammonti ta' €89,850 u €95,695 gew rifuzi fil-kont tas-socjeta attrici (fol. 76 tal-process).

Mhux bizzejjed ghas-socjeta attrici li tallega li hi hallset lis-socjeta konvenuta dawn l-ammonti izda trid tipprova li dawn ma gewx mhallsa jew rifuzi kif inhi t-tezi in parte tas-socjeta konvenuta. Il-piz tal-prova tinkombi fuq is-socjeta attrici li tipprova li l-bilanc bejn dak ammess mis-socjeta konvenuta u dak pretiz mis-socjeta attrici fil-fatt hu dovut.

Il-Qorti taghmel refernza ghax-xiehda ta' Charalambos Klerides, direttur tas-socjeta attrici (fol. 98 tal-process) li jikkonferma li l-ammonti ta' €89,850 u €95,695 gew rifuzi fil-kont tas-socjeta attrici mizmum mis-socjeta konvenuta pero hu jghid li l-ammont ta' €125,950 qatt ma thallas mis-socjeta konvenuta ghalkemm ircevietu mis-socjeta attrici u ma giex rifuz lilha anqas. Hu fil-fatt jghid testwalment illi 'transaction payment 1443 is the biggest concern to us'. Dan l-ammont suppost ghadda ghand Sloane Media International Ltd, liema socjeta prezentat affidavit ta' Poon Wing Keung Bernard (fol. 86 tal-process) direttur tal-istess socjeta li ikkonferma li l-ammont ta' €125,950 dovut lilha mis-socjeta attrici qatt ma wasal ghandha.

Dawn il-provi juru illi s-socjeta attrici ippruvat b'mod car sal-ammont ta' €125,950 bhala dovuti appartenti lilha u mizmuma mis-socjeta konvenuta indebitament. Madankollu s-socjeta konvenuta b'ammissjoni taghha stess tikkonferma li l-bilanc dovut favur is-socjeta attrici bhala flus mizmuma minnha u appartenenti lill-istess socjeta attrici hi ta' €207,209.61. Il-Qorti tqis illi s-socjeta attrici ippretendiet ammont akbar minn hekk u ghalkemm gabet provi fuq is-somma ta' €125,950, is-socjeta konvenuta ammettiet li hu dovut ammont akbar cioe €207,209.61 li hu inqas minn dak pretiz mis-socjeta attrici. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li ghandha toqghod fuq l-

ammissjoni maghmula mis-socjeta konvenuta u l-istatement of account ipprezentat minnha bhala l-aktar prova attendibbli ta' dak dovut u tilqa' t-talba attrici sal-ammont ammess mis-socjeta konvenuta billi s-socjeta attrici ma gabitx provi li hu dovut l-ammont shih allegat dovut lilha. In kwantu ghall-ewwel talba attrici li s-socjeta konvenuta ivvjolat il-ftehim billi naqset li tghaddi l-flus lil min kienu destinati u dan bla raguni, is-socjeta konvenuta iggib bhala raguni ghal dan in-nuqqas il-fatt li s-socjeta attrici kienet qed tikser xi ligijiet tal-pajjiz in kwantu proceduri kontra l-hasil tal-flus fejn kienu joperaw u b'konsegwenzi ta' dan anki gew maghluqa l-kontijiet tal-bank tas-socjeta konvenuta. Din l-allegazzjoni ma gietx pruvata bl-ebda mod u ghalhekk il-Qorti tqis li n-nuqqas ta' hlas almenu tal-ammont ta' €125,950 mis-socjeta konvenuta lil terzi ma sarx ghal raguni valida fil-ligi. Jirrizulta wkoll li bhalissa s-socjeta konvenuta hi soggetta ghal proceduri ta' amministrazzjoni fl-Ingilterra.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici, tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ammessa ta' €207,209.61 bl-imghax kummercjali mil-14 ta' Novembru 2017, data tal-prezentata tal-kawza. L-ispejjez fic-cirkostanzi jithallsu in kwantu ghal sebghin fil-mija mis-socjeta konvenuta u tletin fil-mija mis-socjeta attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur